# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 3 ta' Ġunju 2024**

**Numru 2**

**Rikors numru 51/2022/2 AD**

**Phoenix Payments Ltd (C77764) li b'digriet tas-6 ta' Lulju 2023 nbidel għal Lazarus Long Ltd.**

**v**

**Il-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja u l-Avukat tal-Istat**

1. B'rikors preżentat fis-16 ta' Ottubru 2023 il-Korp għall-Analizi ta' Informazzjoni Finanzjarja talab li ssir referenza lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea sabiex twieġeb għal dawn id-domandi:

> *"1. Hija interpretazzioni korretta u konformi mal-obbligi li timponi l-ligi tal-Unjoni Ewropea jekk wiehed jikkunsidra illi l-kriterji applikati mill-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem f'Engel hekk kif kwalifikati f'Menarini u żviluppati mill-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-gurisprudenza fuq citata fil-qasam tal-ligi tal-kompetizzioni humiex ukoll applikabbli fil-konfront tad-Direttiva (UE) 2015/849 dwar il-prevenzioni tal-uzu tas-*

*sistema finanzjarja ghall-finijiet tal-hasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terrorizmu?;*

*2.Illi jekk din il-mistoqsija tigi mwiegba fl-affermattiv, tista' l-Qorti tikkonferma jekk fl-ezercizzju tad-diskrezzioni moghtija lill-Istati Membri taht l-Artikolu 58(5) tad-Direttiva, huwiex bizzejjed li jkun hemm il-possibilita' ta' appell fuq punti ta' fatt u ta' dritt sabiex, fejn jigu imposti mizuri u sanzjonijiet amministrattivi minn awtorita' amministrattiva, li jaf jigu kklassifikati bhala kriminali ghalkemm m'humiex rizultat tad-dritt penali kif normalment mifhum, is-sitwazzjioni tkun tista' titqies bhala konformi mal-Karta u tizgura allura l-protezzioni tad-dritt ghal smiegh xieraq?;*

*3.Il-Qrati Maltin jistghu jannullaw decizjonijiet moghtija mill-Korp ghall-Analizi ta' Informazzioni Finanzjarja hekk kif previst mill-Artikolu 58(5) tad-Direttiva kif trasposta fil-ligi nazzjonali u li allura tissodisfa l-kriterji ta' Engel kif żviluppati f'Menarini u gurisprudenza tal-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea fuq il-bazi tal-argument li l-interpretazzioni tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jizgura livell oghla ta' protezzioni?;*

*4. Il-Qrati Maltin huma obbligati li ma jinterpretawx l-Artikolu 39 tal-Kostituzzioni ta' Malt b'mod estiz gialadarba tali interpretazzioni timmina supremazija, l-unità u l-effettività tad-dritt tal-Unjoni?"*

2. Bi tweġiba tas-27 ta' Ottubru 2023 l-Avukat tal-Istat iddikjara li ma joġġezzjonax għat-talba. Min-naħa l-oħra permezz ta' tweġiba preżentata fit-30 ta' Ottubru 2023, l-attriċi oġġezzjonat għat-talba.

3. Il-kwistjoni qamet minħabba li l-Kostituzzjoni ta' Malta f'Artikolu 39 tipprovdi li kull min ikun akkużat b'reat kriminali, għandu jingħata smigħ xieraq minn *"qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi"*. Hemm ġurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali li qalet li dik id-dispożizzjoni tapplika wkoll fir-rigward ta' ċertu liġijiet speċjali li jikkontemplaw penali amministrattivi (ara pereżempju **<u>Federation of Estate Agents vs Direttur Ġenerali Kompetizzjoni</u>** tat-3 ta' Mejju 2016 u **<u>Rosette Thake noe vs Kummissjoni Elettorali</u>** tat-8 ta' Ottubru 2018).

4. Fil-każ in eżami l-liġi lokali rilevanti hi l-Att kontra l-Money Laundering (Kap. 373) u r-regolamenti kontra Money Landering u Finanzjar tat-Terroriżmu. Il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU) hi aġenzija tal-Gvern b'waħda mill-funzjonijiet tagħha tkun *"(ċ) li jissorvelja konformita' mill-persuni suġġetti ......"*. Skont l-istess liġi, l-aġenzija għandha l-poter li timponi penali amministrattivi fuq persuni suġġetti (ara art. 13(1)(b) tal-Kap.373). Dispożizzjoni li daħlet fis-seħħ bl-Att XXVIII tal-2017.

5. Dan seħħ minħabba d-Direttiva 2015/849 tal-20 ta' Mejju, 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu.

6. Skont artikolu 58(2) tad-Direttiva:

> *"2. Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li jipprevedu u jimponu sanzjonijiet kriminali, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar sanzjonijiet u miżuri amministrattivi <u>u jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom ikunu jistgħu jimponu tali sanzjonijiet</u> u miżuri fir-rigward ta' ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva, u għandhom jiżguraw li dawn jiġu implimentati".*

7. Imbagħad sub-inċiż (5) tal-istess artikolu jipprovdi:

> *"5. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jeżerċitaw is-setgħat tagħhom li jimponu sanzjonijiet u miżuri amministrattivi <u>f'konformità ma' din id-Direttiva u mal-liġi nazzjonali</u>, fi kwalunkwe mod fost dawn li ġejjin:*
>
> *(a) direttament;*
> *(b) f'kollaborazzjoni ma' awtoritajiet oħrajn;*
> *(c) taħt ir-responsabbiltà tagħhom b'delega lil tali awtoritajiet oħrajn;*

*(d) b'applikazzjoni lill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti;*

*Fl-eżerċizzju tas-setgħat tagħhom li jimponu sanzjonijiet u miżuri amministrattivi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw mill-qrib biex jiżguraw li dawk il-miżuri amministrattivi jew is-sanzjonijiet jipproduċu r-riżultati mixtieqa u jikkoordinaw l-azzjoni tagħhom meta jittrattaw każijiet transkonfinali".*

8. Għalhekk id-Direttiva tipprovdi li:

i. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar sanzjonijiet u miżuri amministrattivi li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom ikunu jistgħu jimponu.

ii. L-awtoritajiet kompetenti jeżerċitaw is-setgħat tagħhom li jimponu dawk it-tip ta' sanzjonjiet, <u>f'konformità ma' din id-Direttiva u mal-liġi nazzjonali</u>, fi kwalunkwe mod li jissemmew f'paragrafu 58(5).

9. Skont Artikolu 267 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, referenza lill-QĠUE ssir sabiex dik il-qorti tiddeċiedi dwar:

(a) L-interpretazzjoni ta' trattati;

(b) Il-validità u l-interpetazzjoni tal-atti tal-istituzzjonijiet, korpi jew organi tal-Unjoni.

10. Fil-każ in eżami bl-Artikolu 58(5) tad-Direttiva l-għażla tħalliet f'idejn l-Istati Membri dwar kif l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jeżerċitaw is-setgħat tagħhom li jimponu sanzjonijiet u miżuri amministrattivi. Bil-liġi l-Istat Malti għażel li s-sanzjonijiet amministrattivi jiġu mposti mill-awtorità appellanti (FIAU). Huma s-sanzjonijiet li qegħdin jiġu mposti mill-FIAU li qegħdin iwasslu għal diversi kawżi li fihom il-

persuni soġġetti qegħdin jilmentaw li seħħ ksur tal-Art. 39 tal-Kostituzzjoni.

11. Fid-domandi li l-FIAU trid li jsiru lill-QĠUE, din il-Qorti ma ssib l-ebda ħtieġa ta' interpretazzjoni ta' Trattati tal-UE jew deċiżjoni dwar il-validità u interpretazzjoni tal-atti tal-istituzzjonijiet, korpi jew organi tal-Unjoni sabiex din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi l-appell tal-FIAU. Il-kwistjoni f'din il-kawża hi dwar l-applikabilità u l-interpretazzjoni tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, minħabba l-għażla li għamel l-Istat Malti.

Għaldaqstant, tiċħad it-talba tal-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja magħmula bir-rikors tas-16 ta' Ottubru 2023. Spejjeż tad-digriet a karigu tagħha.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss